

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 303 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 52

## Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Diċembru 2009

Avviż Nru

Werrej

Paġna

### I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

#### OPINJONIJIET

#### **Il-Kummissjoni**

2009/C 303/01

Opinjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2009 dwar il-pjan biex jiġi mmodifikat ir-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-faċilità Pegase-Cascad, stabbilita fuq is-sit ta' Cadarache fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom .....

1

### II Komunikazzjonijiet

#### KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni**

2009/C 303/02

Awtorizzazzjoni tal-ġajjnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet .....

2

2009/C 303/03

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5495 – Unicredit/Banca IMI/Eurotlx SIM JV) (1) .....

5

**MT**
**Prezz:  
4 EUR**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

2009/C 303/04	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-qafas temporanju tal-komunità għal miżuri ta' ġħajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzi fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali .....	6
---------------	--	---

---

### III Atti preparatorji

#### **Il-Kummissjoni**

2009/C 303/05	Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni .....	7
---------------	---	---

---

### IV Informazzjoni

#### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kunsill**

2009/C 303/06	Linji Gwida aġġornati tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL) .....	12
---------------	---	----

#### **Il-Kummissjoni**

2009/C 303/07	Rata tal-kambju tal-euro .....	18
---------------	--------------------------------	----

2009/C 303/08	Il-pubblikazzjoni aħħarja tad-dokumenti COM ħlief għal proposti leġiżlattivi u proposti leġiżlattivi adottati mill-Kunsill .....	19
---------------	--	----

2009/C 303/09	Dokumenti COM minbarra l-proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni .....	20
---------------	--	----



## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

### IL-KUMMISSJONI

#### OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-14 ta' Diċembru 2009**

dwar il-pjan biex jiġi mmodifikat ir-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-faċilità Pegase-Cascad, stabbilita fuq is-sit ta' Cadarache fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(it-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/C 303/01)

Fit-22 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern Franċiż, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan biex jiġi mmodifikat ir-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-faċilità Pegase-Cascad, stabbilita fuq is-sit ta' Cadarache fi Franza.

Abbażi ta' din id-dejta u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn il-faċilità Pegase-Cascad u l-eqreb punt ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l'Italja u Spanja, jammonta għall-110 km u 230 km rispettivament.
2. Il-modifika ppjanata se tinvolvi żieda fil-limitu awtorizzat tar-rilaxx għat-tritju fi stat ta' gass.
3. Matul il-kundizzjonijiet ta' operat normali, il-modifiki ppjanati mhumiex se jikkawżaw esponiment li jista' jaffettwa s-sahħha tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor.
4. L-iskart radjuattiv solidu se jinħażen temporanjament fuq is-sit qabel ma jiġi ttransferit lejn faċilità tar-rimi awtorizzata mill-Gvern Franċiż.
5. Fkaż ta' aċċident li b'riżultat tiegħu jkun hemm rilaxx mhux ippjanat tal-elementi radjuattivi tat-tip u d-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li jilħqu Stat Membru ieħor mhux se jaffettwaw is-sahħha tal-popolazzjoni.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan biex jiġi mmodifikat ir-rimi tal-iskart radjuattiv mill-faċilità Pegase-Cascad stabbilita fuq is-sit ta' Cadarache fi Franza, kemm fl-operat normali u fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, mhux mistennija li tirriżulta fil-kontaminazzjoni radjuattiva tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-atmosfera ta' Stat Membru ieħor.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Andris PIEBALGS

Membru tal-Kummissjoni

## II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI  
EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI**

**Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

(2009/C 303/02)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	14.10.2009
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	N 492/08
Stat Membru	Il-Lussemburgo
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Aide à la restructuration et à la reconversion des vignobles
Il-bażi legali	Regolament
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Għoti tal-għajnuna għall-konverżjoni tal-varjetà u għat-tħawwil tal-vinji mill-ġdid
Il-forma tal-għajnuna	Sussidju dirett
L-estimi	EUR 440 000
L-intensità	40 %
It-tul ta' żmien	4 snin
Setturi ekonomiċi	Agrikoltura
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministère de l'Agriculture, de la Viticulture et du Développement rural 1, rue de la Congrégation 2913 Luxembourg LUXEMBOURG
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kufidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

[http://ec.europa.eu/community\\_law/state\\_aids/state\\_aids\\_texts\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	28.8.2009
In-numru ta' referenza tal-ġajjnuna	N 134/09
Stat Membru	Spanja
Reġjun	Castilla-León
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ayuda para el fomento de actividades ganaderas alternativas y para actividades de avicultura alternativa
Il-bażi legali	Orden AYG/349/2009, de 12 de febrero 2009, por la que se establece las bases reguladoras de la concesión de las ayudas para el fomento de actividades ganaderas alternativas y para actividades de avicultura alternativa.
It-tip tal-miżura	Skema ta' ġajjnuna
L-għan	Il-miżura nnotifikata għandha l-għan li tipprioratizza żvilupp rurali sostenibbli, permezz tad-diversifikazzjoni tal-attività agrikola u l-ħolqien ta' attivitajiet kumplimentari jew alternattivi oħrajn, billi ttejjeb u tirri-deriġi l-produzzjoni, sabiex toħloq impieg fis-setturi tal-biedja u oħrajn relatati.
Il-forma tal-ġajjnuna	Finanzjament ta' xogħilijiet ta' installazzjoni ta' azjendi ġodda, ix-xiri ta' tagħmir u makkinarju awżiljarju u l-inkorporazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.
L-estimi	Ammont globali: EUR 4 000 000
L-intensità	Massimu ta' 40 % tal-ispejjeż eliġibbli għal proprijetà immobblī, 30 % fil-każijiet l-oħrajn.
It-tul ta' żmien	2009-2013
Setturi ekonomiċi	L-agrikoltura
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbi mill-ġajjnuna	Consejeria de Agricultura y Ganadería del Gobierno de Castilla-León C/ Rigoberto Cortejoso, 14 47014 Valladolid ESPAÑA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunkfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

[http://ec.europa.eu/community\\_law/state\\_aids/state\\_aids\\_texts\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	12.11.2009
In-numru ta' referenza tal-ġajjnuna	N 381/09
Stat Membru	Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
Reġjun	Rheinland-Pfalz
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Werbemaßnahmen für landwirtschaftliche Erzeugnisse in Rheinland-Pfalz
Il-bażi legali	Entwurf der Verwaltungsvorschrift des Ministeriums für Wirtschaft, Verkehr, Landwirtschaft und Weinbau des Landes Rheinland-Pfalz (AZ:AZ_2007—2013)

It-tip tal-miżura	Skema ta' ghajjnuna
L-għan	Biex tippromwovi l-prodotti agrikoli
Il-forma tal-ġħajjnuna	Ġhotja diretta
L-estimi	EUR 0,5 miljun fis-sena; baġit globali massimu: EUR 2,5 miljun
L-intensità	50 %
It-tul ta' żmien	Sal-31.12.2013
Setturi ekonomiċi	L-agrikoltura
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-ġħajjnuna	Ministerium für Wirtschaft, Verkehr, Landwirtschaft und Weinbau Striftstrasse 9 55116 Mainz DEUTSCHLAND
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kufidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

[http://ec.europa.eu/community\\_law/state\\_aids/state\\_aids\\_texts\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm)

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Każ COMP/M.5495 – Unicredit/Banca IMI/Eurotlx SIM JV)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 303/03)

Fit-23 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negożju li jista' jkun fiċċi. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqSIMA tal-amalgazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgazzjoni, inklużi l-kumpanja, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32009M5495. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-qafas temporanju tal-komunità għal miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjarja u ekonomika attwali**

(2009/C 303/04)

## 1. INTRODUZZJONI

Fis-17 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni adottat il-Qafas Temporanju tal-Komunità għal miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (¹).

L-għan tal-Qafas Temporanju huwa b'mod partikulari li jiżblokk s-self mill-banek lill-kumpaniji u b'hekk iħeġġeġ lill-kumpaniji biex ikomplu jinvestu fil-ġejjieni. Qed jidhru dejjem aktar sinjal ta' titjib fil-qagħda ekonomika, kemm fl-indikaturi tal-fiduċja kif ukoll fid-dejta fattwali mis-sajf li għadda 1 hawn. Madankollu, sabiex inmantnu s-sostenibbiltà tal-irkupru, huwa essenzjali li nqis u l-objettivi għal medda medja ta' żmien u dawk għal medda twila ta' żmien u notevolment li ninkura għixxu l-investiment.

Id-dispożizzjonijiet tal-Qafas Temporanju rigward, notevolment, l-ghajjnuna fil-forma ta' garanziji kkontribwew biex jiġi żblukkati is-self mill-banek lill-kumpaniji. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li fil-kuntest tal-qagħda ekonomika attwali u għal perjodu limitat ta' żmien, garanziji fuq self issussidjat jistgħu jkunu strument xieraq u mmirat tajjeb biex joffri lill-imprizzi aċċes aktar faċili għall-finanzjament u b'hekk jinkura għixxi l-investiment neċċesarju għal irkupru fuq medda twila ta' żmien.

Taħt il-Qafas Temporanju eżistenti, l-ogħla selfa li tibbenefika mill-garanzija ma tistax taqbeż in-nefqa annwali totali tal-benefiċjarju fuq pagi għall-2008. L-iskop ta' dan il-limitu huwa li l-ghajjnuna tiġi limitata għall-ammont li huwa strettament meħtieġ u li tiġi evitata distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni. Madankollu, fil-qagħda ekonomika ta' bħalissa, jista' jagħti l-każži li din id-dispożizzjoni hija restrittiva wisq u tista' ma tħallix li jsiru investimenti, b'mod partikulari fi Stati Membri bi spejjeż baxxi ta' pagi u benefiċċji.

Minħabba fhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament u jitħeqx għalli l-investiment fuq medda twila ta' żmien, jetieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbila li jiddeterminaw l-ammont massimu tas-selħa għall-investiment konċernata permezz ta' garanzija fuq il-bażi tan-nefqa annwali totali tal-benefiċjarju fuq pagi għall-2008, jew fuq il-bażi tal-ispejjeż medji Komunitarji għal pagi u benefiċċji kif stabbilit mill-Eurostat u speċifikat fil-komunikazzjoni preżenti.

## 2. EMENDI GĦALL-QAFAS TEMPORANJU TAL-KOMUNITÀ

1. Il-punt 4.3.2 (d) tal-Qafas Temporanju tal-Komunità għal miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali jinbidel b'dan li ġej:

“Is-selħa massima ma taqbiżx l-ammont totali annwali dovut f'pagi mill-benefiċjarju (inklużi l-piżżej socċjali kif ukoll l-ispipa tal-personal li jaħdem fis-sit tal-kumpanija iż-żda li l-paga tiegħu formalment titħallas minn subkuntratturi) għall-2008. Fil-każži ta' kumpaniji li nħolqu wara l-1 ta' Jannar 2008, is-selħa massima ma tistax taqbeż l-ammont annwali stmat li se jkun dovut f'pagi għall-ewwel sentejn tal-operat tagħħha.

Fil-każži ta' self għall-investimenti, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkalkulaw is-selħa massima fuq il-bażi tal-medja tal-ispejjeż annwali għal pagi u benefiċċji tal-UE 27” (²).

2. L-emendar tal-Qafas temporanju tal-Komunità huwa applikabbli mid-data ta' meta jiġi adottat mill-Kummissjoni.

(¹) Ġurnal Uffiċjali C 83, 7.4.2009, p. 1.

(²) Sors: Eurostat. L-aħħar tagħrif disponibbli UE 27 2007. Kostijiet tax-xogħol għal kull xahar: 3 028 EUR

## III

(Atti preparatorji)

**IL-KUMMISSJONI****Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni**

(2009/C 303/05)

Document	Part	Date	Title
<a href="#"><u>COM(2008) 236</u></a>		6.5.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 97/126/KE dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u l-Gvern tad-Danmarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 240</u></a>		6.5.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan multi-jannwali għall-istokk ta' aringi miffrux lejn il-Punent ta' l-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk
<a href="#"><u>COM(2008) 243</u></a>		13.5.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzjoni finanzjarja provdu fil-ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanija għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012
<a href="#"><u>COM(2008) 244</u></a>		5.5.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill Li temenda l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-ftehim internazzjonali dwar il-kafè ta' l-2007
<a href="#"><u>COM(2008) 246</u></a>		8.5.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Annessi A u B tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment
<a href="#"><u>COM(2008) 247</u></a>		8.5.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa
<a href="#"><u>COM(2008) 249</u></a>		7.5.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovakkja tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2009
<a href="#"><u>COM(2008) 250</u></a>		7.5.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' l-euro fis-Slovakkja
<a href="#"><u>COM(2008) 303</u></a>		13.5.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tisabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed fīsem il-Komunità fi ħdan il-Kumitat għall- Għaj-nuna bl-Ikel fir-rigward ta' l-estenzjoni tal-Konvenzjoni għall-Għajjnuna bl-Ikel, 1999

Document	Part	Date	Title
<a href="#"><u>COM(2008) 388</u></a>		25.6.2008	Proposta għal Regolament (ke) tal-parlament ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea ta' l-avjazzjoni
<a href="#"><u>COM(2008) 396</u></a>		25.6.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Istatut tal-kumpa-nija privata Ewropea (SPE)
<a href="#"><u>COM(2008) 399</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati ma' l-energijsa
<a href="#"><u>COM(2008) 401</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Regolament tal-parlament ewropew u tal-Kunsill dwar skema ta' Ekottiketta Komunitarja
<a href="#"><u>COM(2008) 402</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Regolament tal-parlament ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifikasi ambjentali (EMAS)
<a href="#"><u>COM(2008) 411</u></a>		2.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1911/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li jorġiñaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russia u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96
<a href="#"><u>COM(2008) 414</u></a>		2.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħha transkonfinali
<a href="#"><u>COM(2008) 419</u></a>		2.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħliljet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' l-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni għall-impiegati (Riformolata)
<a href="#"><u>COM(2008) 422</u></a>		2.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li qed timplimenta l-Ftehim finalizzat mill-Assocjazzonijiet tas-Sidien tal-Vapuri tal- Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Ħaddiema tat-Trasport Ewropej (ETF) dwar il-Konvenzjoni Marittima tax-Xogħol ta' l-2006 u li temenda d- Direttiva 1999/63/KE Regolament tal-Kunsill
<a href="#"><u>COM(2008) 426</u></a>		2.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugħali bejn il-persuni irrispettivament mir-religjjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
<a href="#"><u>COM(2008) 428</u></a>		7.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/ 112/KE , fir-rigward ta' rati mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud
<a href="#"><u>COM(2008) 431</u></a>		7.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi
<a href="#"><u>COM(2008) 436</u></a>		8.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi

Document	Part	Date	Title
<a href="#"><u>COM(2008) 437</u></a>		8.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar is-sustanzi prekursuri tad-drogi u ssustanzi li spiss jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi jew tas-sustanzi psikotropiċi
<a href="#"><u>COM(2008) 438</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provvistorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħħa waħda, u l-Côte d'Ivoire fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 439</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħħa waħda, u l-Kosta ta' l-Avorju, fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 440</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provvistorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħħa waħda, u l-Ghana, fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 441</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku temporanju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħħa waħda, u l-Ghana, fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 442</u></a>		8.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-iskejjal
<a href="#"><u>COM(2008) 444</u></a>		9.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-iktar periferiċi tal-Komunità
<a href="#"><u>COM(2008) 445</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provvistorja tal-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħħa waħda u l-Afrika Ċentrali, fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 446</u></a>		10.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi l-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku ta' progress bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħħa waħda, u l-Afrika Ċentrali, fuq in-naħħa l-oħra
<a href="#"><u>COM(2008) 454</u></a>		8.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja spċifici maħsuba biex jiġi mheġġegħ ir-ristruttur tal-flotot tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea li huma milquta mill-kriżi ekonomika
<a href="#"><u>COM(2008) 456</u></a>		14.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jħassar id-dazji ta' anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 437/2004 fuq importazzjonijiet ta' troti kbar rainbow li jorġinaw fin-Norveġja

Document	Part	Date	Title
<a href="#"><u>COM(2008) 458</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ligħiġiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)
<a href="#"><u>COM(2008) 459</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat
<a href="#"><u>COM(2008) 462</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Annessi IV u V għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trattament ta' skart li jkun fiċċi pollutanti organiċi persistenti fil-proċessi ta' produzzjoni termika u metallurġika
<a href="#"><u>COM(2008) 463</u></a>	1	17.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ifċċiġmar u l-applikazzjoni provvistorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru
<a href="#"><u>COM(2008) 463</u></a>	2	17.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru
<a href="#"><u>COM(2008) 464</u></a>		16.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-parlament ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati
<a href="#"><u>COM(2008) 472</u></a>		17.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 954/2006 li jimponi dazju definittiv ta' l-antidumping fuq ċerti pajpjiet u tubi mingħajr saldaturi tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw, inter alia, fir-Russia
<a href="#"><u>COM(2008) 474</u></a>		17.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jestendi d-dazju ta' l-antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 fuq l-importazzjoni ta' mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kemmxjejn modifikati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jtemm l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri ta' l-anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz ta' importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kkunsinjati mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le
<a href="#"><u>COM(2008) 476</u></a>		24.7.2008	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-kunsill ta' assoċjazzjoni UE-Marokk dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu 84 u l-ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex jinħoloq kumitat ta' kooperazzjoni doganal u biex jiġi mībdul ir-regolament intern ta' ċerti sottokumitat u gruppi ta' ħidma tal-kumitat ta' assoċjazzjoni
<a href="#"><u>COM(2008) 477</u></a>		18.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazju definittiv ta' kontrabilanc fuq importazzjoni jiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li joriġinaw fl-Indja

Document	Part	Date	Title
<u>COM(2008) 483</u>		23.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill (KE) Nru ..../.... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabiliement ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru (SESAR)
<u>COM(2008) 489</u>		29.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabiliixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli ("Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS")
<u>COM(2008) 491</u>		29.7.2008	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jestendi s-sospensjoni tad-dazju definitiv ta' l-anti-dumping li jidħol fis-seħħ bir-Regolament (KE) Nru 1420/2007 fuq l-importazzjonijiet tas-silikom manganiż li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Kazakistan
<u>COM(2008) 492</u>		29.7.2008	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' tasazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parżjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment ta' l-ufficċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri (Verżjoni kkodifikata)

Dawn it-testi huma disponibbli fuq il-EUR-Lex: <http://eur-lex.europa.eu>

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUNSILL****Linji Gwida aġġornati tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL)**

(2009/C 303/06)

**I. SKOP**

- Il-fini ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jistabbilixxu għoddha operattivi għall-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha biex jippromwovu l-konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali (IHL). Huma jissottolinjaw l-impenn tal-Unjoni Ewropea biex tippromwovi tali konformità f'mod viżibbli u konsistenti. Il-Linji Gwida huma indirizzati lejn dawk kollha li qed jieħdu azzjoni fil-qafas tal-Unjoni Ewropea safejn il-kwistjonijiet imqajma jaqgħu fl-oqsma tar-responsabbiltà u l-kompetenza tagħhom. Huma kumplimentari għal-Linji Gwida u l-Pożizzjonijiet Komuni oħra digħi adottati fi ħdan l-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, it-tortura u l-protezzjoni ta' persuni ċivili (¹).
- Dawn il-Linji Gwida huma konformi mal-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-IHL, u jimmiraw li jindirizzaw il-konformità mal-IHL minn Stati terzi, u fejn xieraq, atturi li m'humiex Stati li joperaw ma' Stati terzi. Waqt li l-istess impenn jestendi għal miżuri meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiżguraw il-konformità mal-IHL fil-kondotta tagħhom stess, inkluż mill-forzi tagħhom stess, tali miżuri m'humiex koperti minn dawn il-Linji Gwida (²).

(¹) Ara il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (approvati mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2001, aġġornati fid-19 ta' Jannar 2009); Linji gwida għall-Politika tal-UE lejn il-Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u l-Pieni jew it-Trattamenti oħra Krudili, Inumanji jew Degradanti oħra (approvati mill-Kunsill fid-9 ta' April 2001, aġġornati fid-29 ta' April 2008); Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitt Armat (approvati mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2003, aġġornati fis-17 ta' Ġunju 2008); Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (approvati mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2007); Linji Gwida dwar il-Vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u li jiġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni kontrihom (approvati mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2008) u Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/444/PESK tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar l-ICC (ĠU L 150, 18.6.2003, p. 67).

(²) L-Istati Membri tal-UE kollha huma Partijiet għall-Konvenzionijiet ta' Ġinevra u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom u għalhekk taħt l-obbligu li jsegwu r-regoli tagħhom.

**II. LIĠI UMANITARJA INTERNAZZJONALI (IHL)****Introduzzjoni**

- L-Unjoni Ewropea hija fondata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Dan jinkludi l-għan tal-promozzjoni tal-konformità mal-IHL.
- Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL) – magħrufa wkoll bħala l-Liġi tal-Konflitt Armat jew il-Liġi tal-Gwerra – hija maħsuba biex ittaff l-effetti tal-konflitt armat billi tiproteġi dawk li m'humiex, jew m'għadhomx qed jieħdu sehem fil-konflitt u billi tirregola l-meżżi u l-metodi tal-gwerra.
- L-Istati huma obbligati jikkonformaw mar-regoli tal-IHL li għalihom intrabtu permezz ta' trattat jew li jiffurmaw parti mil-liġi internazzjonali konswetudinarja. Huma jistgħu japplikaw ukoll għal atturi li m'humiex Stati. Tali konformità hija kwistjoni ta' tkħassib internazzjonali. Barra minn hekk, it-tbatja u l-qedra kkawżati minn vjolazzjonijiet tal-IHL jagħmlu s-soluzzjoniċi ta' wara l-konflift iktar diffiċċi. Għalhekk hemm interress politiku, kif ukoll umanitarju, fit-titħbi tal-konformità mal-IHL fid-dinja kollha.

**Evoluzzjoni u Sorsi ta' l-IHL**

- Ir-regoli tal-IHL evolvew bħala riżultat tal-bilanċjar tal-ħtieġa militari u t-tħassib umanitarju. L-IHL tinkludi regoli li jfittu li jipproteġu lil persuni li m'humiex, jew m'għadhomx, qed jieħdu sehem dirett fl-ostilitajiet – bħal persuni ċivili, priġunieri tal-gwerra u detenuti oħra, u l-feruti u

l-morda – kif ukoll tirrestrinġi l-mezzi u l-metodi tal-gwerra – inklużi tattiċi u armi – sabiex jiġu evitati tbatija u qerda li m'humieħx meħtieġa.

7. Bħal fpartijiet oħra tal-liġi internazzjonali, l-IHL għandha żewġ sorsi prinċipali: konvenzionijiet internazzjonali (trat-tati) u liġi internazzjonali konswetudinarja. Il-liġi internazzjonali konswetudinarja hija ffurmata mill-prattika ta' l-Istati, li huma jaċċettaw bħala li torbot fuqhom. Deċiżjonijiet ġudizzjarji u kitbiet ta' awturi ewlenin huma mezz sussidjarju għad-determinazzjoni tal-liġi.
8. Il-Konvenzionijiet prinċipali tal-IHL huma elenkti fl-Anness għal dawn il-Linji Gwida. L-iktar importanti huma r-Regolamenti tal-Aja tal-1907, l-erba' Konvenzionijiet ta' Ġinevra mill-1949 u l-Protokolli Addizzjonali tagħhom tal-1977. Ir-Regolament tal-Aja u l-biċċa l-kbira mid-disposizzjonijiet tal-Konvenzionijiet ta' Ġinevra u l-Protokolli Addizzjonali tal-1977 huma ġeneralment rikonoxxuti bħala liġi konswetudinarja.

### Kamp ta' applikazzjoni

9. L-IHL hija applikabbli għal kwalunkwe konfliett armat, kemm internazzjonali u mhux internazzjonali u irrespettivament mill-oriġini tal-konfliett. Hija tapplika wkoll għal sitwazzjonijiet ta' okkupazzjoni li jinħolqu bħala riżultat ta' konfliett armat. Reġimi legali differenti japplikaw għal konflietti armati internazzjonali, li huma bejn Stati, u konflietti armati li m'humieħx internazzjonali (jew interni), li saru fi Stat.
10. Jekk sitwazzjoni tammontax għal konfliett armat jew jekk hijiex konfliett armat internazzjonali jew mhux internazzjonali huma mistoqsijiet imħallta ta' fatt u ta' liġi, li t-tweġiba għalihom tiddependi minn bosta fatturi. Parir legali xieraq, flimkien ma' informazzjoni biżżejjed dwar il-kuntest partikolari, għandhom dejjem jiġi mfittixja sabiex jiġi determinat jekk sitwazzjoni tammontax għal kunfliett armat, u għalhekk jekk tapplikax il-liġi umanitarja internazzjonali.
11. Id-disposizzjonijiet tat-trattat dwar konflietti armati internazzjonali huma iktar dettaljati u estensivi. Konflietti armati li m'humieħx internazzjonali huma soġġetti għad-disposizzjonijiet fl-Artikolu 3 li huwa komuni għall-Konvenzionijiet ta' Ġinevra u, fejn l-Istat konċernat huwa Parti, fil-Protokoll Addizzjonali II tal-1977. Ir-regoli tal-liġi internazzjonali konswetudinarja japplikaw kemm għal konflietti armati internazzjonali u dawk interni iż-żda hawnhekk ukoll hemm differenzi bejn iż-żewġ reġimi.

### Liġi Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-IHL

12. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-IHL. Huma korpi distinti tal-liġi u, waqt li t-tnejn huma prinċipalment immirati biex jipproteġu l-individwi, hemm differenzi importanti bejniethom. B'mod partikolari l-IHL hija applikabbli fi żmien ta' konfliett armat u okkupazzjoni. Għall-kuntrarju, il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem hija applikabbli għal kulħadd fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Istat konċernat fi

żmien ta' paċi kif ukoll fi żmien ta' konfliett armat. Għal-hekk filwaqt li huma distinti, iż-żewġ settijiet ta' regoli jistgħu jkunu t-tnejn applikabbli għal sitwazzjoni partikolari u għaldaqstant xi kultant huwa neċċessarju li tiġi kkunsidrata r-relazzjoni bejniethom. Madankollu dawn il-Linji Gwida ma jittrattaww dwar il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

### Responsabbiltà individuali

13. Ċerti vjolazzjonijiet serji tal-IHL huma definiti bħala delitti tal-gwerra. Delitti tal-gwerra jistgħu jseħħu fl-istess cirkosanza bħal ġenoċidju u reati kontra l-umanità iż-żda dawn tal-aħħar, kuntrarjament għad-delitti tal-gwerra, m'humieħ marbuta mal-eżiżenza ta' konfliett armat.
14. Individwi għandhom responsabbiltà personali għad-delitti tal-gwerra. L-Istati għandhom, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, jiżguraw li l-awturi allegati jingħabu quddiem il-qratu domestiċċi tagħhom stess jew jiġi mibgħuta għall-proċess mill-qratu ta' Stat ieħor jew minn tribunal kriminali internazzjonali, bħall-Qorti Kriminali internazzjonali (3).

### III. LINJI GWIDA OPERAZZJONALI

#### A. RAPPURTAR, VALUTAZZJONI U RAKKOMANDAZZJONIJET GĦAL AZZJONI

15. Azzjoni taħt din l-intestatura tinkludi:

- (a) Sabiex tiġi permessa azzjoni effettiva, is-sitwazzjonijiet fejn l-IHL tista' tapplika għandhom jiġi definiti mingħajr dewmien. Il-korpi responsabbli tal-UE, inklużi l-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill xierqa, għandhom jipprova is-sitwazzjoni fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom fejn l-IHL tista' tkun applikabbli, waqt li jieħdu parir, fejn meħtieġ, rigward l-IHL u l-applikabbiltà tagħha. Fejn ikun xieraq għandhom jidentifikaw u jirrakkomandaw azzjoni biex jipprova l-konformità mal-IHL skont dawn il-Linji Gwida. Konsultazzjonijiet u skambju ta' informazzjoni ma' atturi infurmati, inklużi l-ICRC u organizzazzjonijiet rilevanti oħra bħan-NU u organizzazzjonijiet regionali, għandhom jiġi kkunsidrati meta jkun xieraq Għandha tingħha konsiderazzjoni wkoll, fejn ikun xieraq, lill-użu tas-servizzi tal-Kummissjoni Internazzjonali Umanitarja

(3) Ara l-Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni dwar l-ICC (2003/444/PESK) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-ICC. Ara wkoll id-Deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2002 (2002/494/ĠA) li biha l-Kunsill stabbilixxa network Ewropew ta' punti ta' kuntatt fir-rigward ta' persuni responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u delitti tal-gwerra id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill (2002/584/ĠA) dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenza bejn l-Istati Membri; id-Deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2003 (2003/335/ĠA) dwar l-investigazzjoni u l-prosekuuzzjoni ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra; Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/313/PESK tal-10 ta' April 2006 rigward il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea dwar kooperazzjoni u assistenza, ĠU L 115, 28.4.2006, p. 49.

li Tistabbilixxi l-Fatti (IHFFC) stabbilita taħt l-Artikolu 90 tal-Protokoll Addizzjonali I għall-Konvenzionijiet ta' Ġinevra tal-1949, li jistgħu jassistu fil-promozzjoni tar-rispett għall-IHL permezz tal-kapaċità tagħha li tistabbilixxi l-fatti u l-funzjoni tagħha ta' uffiċċċi tajba;

- (b) Kull meta jkun rilevanti, il-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE, u rappreżentanti xierqa tal-UE, inklużi Kapijiet tal-Operazzjonijiet Ċivili tal-UE, Kmandanti ta' l-Operazzjonijiet Militari tal-UE u Rappreżentanti Specjalji tal-UE, għandhom jinkludu valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-IHL fir-rapporti tagħhom dwar Stat jew konfliett partikolari. Attenzjoni specjalji għandha tingħata lill-informazzjoni li tindika li setgħu twettqu vjolazzjonijiet serji tal-IHL. Fejn ikun fattibbli, tali rapporti għandhom jindikaw ukoll analiżi u suġġerimenti ta' miżuri possibbli li jridu jittieħdu mill-UE;

- (c) Dokumenti ta' sfond għal-laqgħat tal-UE għandhom jinkludu, fejn ikun xieraq, analiżi dwar l-applikabbiltà tal-IHL u l-Istati Membri li jipparteċipaw ftali laqgħat għandhom jiżguraw ukoll li huma kapaċi jieħdu pariri kif meħtieġ rigward kwistjonijiet dwar l-IHL li jitqajmu. F'sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm konfliett armat, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Liġi Internazzjonali (COJUR) għandu jiġi infurmat flimkien mal-Gruppi ta' Ħidma rilevanti oħra. Jekk ikun xieraq u fattibbli, il-COJUR jista' jingħata l-kompli li jagħmel suġġerimenti dwar azzjoni futura tal-UE lill-korpi rilevanti tal-UE.

#### B. MEZZI TA' AZZJONI LI GĦANDHA L-UE FIR-RELAZZJONI-JET TAGħHA MA' PAJJIŻI TERZI

16. L-UE għandha varjetà ta' mezzi ta' azzjoni għad-disposizzjoni tagħha Dawn jinkludu, iż-żda m'humiex limitati għal, dan li ġej:

- (a) Djalgu politiku: Fejn ikun rilevanti il-kwistjoni ta' konfliett mal-IHL għandha titqajjem fid-djalogi ma' Stati terzi. Dan huwa partikolarmen importanti fil-kuntest ta' konflietti armati li għaddejjin fejn kien hemm rapporti ta' vjolazzjonijiet imxerrda tal-IHL. Madankollu, l-UE għandha wkoll, fiż-żmien tal-paċi, issejjaħ lill-Istati li għadhom m'għamlux dan biex jadeřixx u jimplimentaw bis-sħiħ, strumenti importanti tal-IHL, bħall-Protokolli Addizzjonali tal-1977 u l-Istatut tal-ICC. Implantazzjoni sħiħa tħalli d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe leġislazzjoni implementattiva u t-taħrif ta' persunal rilevanti fl-IHL;

- (b) Dikjarazzjonijiet pubbliċi ġeneralji: F'dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar kwistjonijiet relatati mal-IHL, l-UE għandha, kull meta jkun xieraq, tenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konfliett mal-IHL;

- (c) Proċeduri politiċi u/jew dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar konflietti speċifiċi: Meta vjolazzjonijiet tal-IHL huma rrapporati l-UE għandha tikkunsidra li tagħmel proċeduri politiċi u toħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi, kif ikun xieraq, li jikkundannaw tali atti u jitkolbu li l-partijiet jissodis faw l-obbligi tagħhom taħt l-IHL u jieħdu miżuri effettivi biex jipprevven aktar vjolazzjonijiet;

- (d) Miżuri ristrettivi/sanzjonijiet: L-użu ta' ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) jista' jkun mezz effettiv ta' promozzjoni tal-konformità mal-IHL. Tali miżuri għandhom għal-hekk jiġi kkunsidrat kontra partijiet għal konfliett li huma Stati u dawk li m'humiex Stati, kif wkoll individwi, meta jkunu xieraq u skont il-liggi internazzjonali;

- (e) Kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali oħra: L-Istati Membri tal-UE għandhom ukoll, kull meta jkun xieraq, jaġixxu lejn dak l-għan bħala membri f'organizzazzjonijiet oħra, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (ICRC) għandu rwol ibbażat fuq trattat, rikonoxxut u li ilu stabbilit bħala organizzazzjoni umanitarja newtrali, indipendenti, fil-promozzjoni tal-konformità mal-IHL;

- (f) Operazzjonijiet għal maniġġar ta' kriżijiet: L-importanza tal-prevenzjoni u t-trażżeen ta' vjolazzjonijiet tal-IHL minn partijiet terzi għandha tīgħi kkunsidrat, fejn ikun xieraq, fl-abbozzar tal-mandati tal-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE. F'każżejjiet xieraq, dan jista' jinkludi l-ġbir ta' informazzjoni li tista' tintuża għall-ICC (⁴) jew finvestigazzjonijiet oħra ta' delitti tal-gwerra;

- (g) Responsabbiltà individuali: Waqt li, f'sitwazzjoni jista' wara l-konfliett huwa xi drabi diffiċċi li jiġi bilanċċati l-għan ġenerali tal-istabbiliment tal-paċi u l-ħtieġa li tīgħi miġġielda l-impunità, l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li m'hemmx impunità tad-delitti tal-gwerra. Sabiex ikun hemm effett ta' deterrent matul konfliett armat, il-prosekuzzjoni għad-delitti tal-gwerra għandha tkun viżibbli u għandha, jekk possibbli, issir fl-Istat fejn seħħew il-vjolazzjonijiet. L-UE għandha għalhekk tinkurraġġixxi Stati terzi biex idħħlu fis-seħħ leġislazzjoni penali biex jikkastigaw il-vjolazzjonijiet tal-IHL. Is-sostenn tal-UE għall-ICC u l-miżuri biex jiġu sentenzjati l-kriminali tal-gwerra għandhom ukoll jiġu meqjusa f'dan il-kuntest;

(⁴) Ara l-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Assistenza bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea msemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 3 hawn fuq.

(h) Taħriġ: Taħriġ fl-IHL huwa meħtieġ biex tiġi żgurata konformità mal-IHL fi żmien ta' konfliett armat. Taħriġ u edukazzjoni għandhom jiġu mwettqa wkoll fi żmien ta' paċi. Dan jaapplika għall-popolazzjoni kollha, għalkemm attenzjoni speċjalisti għandha tingħata lill-gruppi rilevanti bħall-uffiċċali tal-infurzar tal-liġi. L-UE għandha tikkunsidra li tipprovd jew tiffinanzja taħriġ u edukazzjoni fl-IHL f'pajjiżi terzi inkluż fil-qafas ta'

programmi iktar wiesa' għall-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt;

(i) Esportazzjoni ta' armi: Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (⁵) tipprevedi li l-konformità tal-pajjiż ta' importazzjoni mal-IHL għandha tiġi kkunsidrata qabel ma jingħataw il-liċenzi għal esportazzjoni lejn dak il-pajjiż.

---

<sup>(5)</sup> Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari, ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99. Din il-Pożizzjoni Komuni tissostitwixxi l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoniijiet tal-Armi adottat mill-Kunsill fit-8 ta' Ġunju 1998.

## ANNESS

**STRUMENTI LEGALI PRINCIPIALI DWAR IL-LIĠI UMANITARJA INTERNAZZJONALI U STRUMENTI LEGALI OĦRA RILEVANTI**

- Il-Konvenzjoni ta' l-Aja IV ta' l-1907 Rispett għal-Liġijiet u l-Konswetudnijiet tal-Gwerra
- Anness għall-Konvenzjoni: Regolamenti li Jirrispettaw il-Liġijiet u l-Konswetudnijiet tal- Gwerra
- Il-Protokoll ta' l-1925 dwar il-Projbizzjoni ta' l-Użu ta' Gassijiet Asfisjanti, Velenużi jew Oħra, u ta' Metodi ta' Gwerra Batterjoloġiċi
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra I ta' l-1949 għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Feruti u l-Morda fil-Forzi Armati fuq il-Kamp
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra II ta' l-1949 għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Feruti, il-Morda u l-Membri Nawfragi tal-Forzi Armati fuq il-Baħar
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra III ta' l-1949 Dwar it-Trattament tal-Priġunieri tal-Gwerra
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra IV ta' l-1949 Dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra
- Il-Protokoll ta' Ġinevra I ta' l-1977 Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awissu 1949, u Dwar il- Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Internazzjonali
- Il-Protokoll ta' Ġinevra I tal-1977 Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awissu 1949, u Dwar il- Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati Internazzjonali
- L-Ewwel Protokoll ta' l-Aja ta' l-1954 għall-Protezzjoni tal-Proprijetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat
- Regolamenti għall-Eżekuzzjoni tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Proprijetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat
- L-Ewwel Protokoll ta' l-Aja ta' l-1954 għall-Protezzjoni tal-Proprijetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat
- It-Tieni Protokoll ta' l-Aja ta' l-1999 għall-Protezzjoni tal-Proprijetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat
- Il-Konvenzjoni ta' l-1972 dwar il-Projbizzjoni ta' l-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u Tossiċi u dwar il-Qerda tagħhom
- Il-Konvenzjoni tan-NU ta' l-1980 dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu jiġi Meqjusa li jagħmlu Ħsara Eċċessiva jew li Jkollhom Effetti Mhux Diskriminatory
- Il-Protokoll I ta' l-1980 dwar Frammenti li M'humiex Osservabbi
- Il-Protokoll II ta' l-1980 dwar Projbizzjonijiet jew Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Mini, Bombi Moħbija u Apparat Ieħor
- Il-Protokoll II Emendat ta' l-1996 dwar Projbizzjonijiet jew Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Mini, Bombi Moħbija u Apparat Ieħor
- Il-Protokoll III ta' l-1980 dwar Projbizzjonijiet jew Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Armi Inċendjarji
- Il-Protokoll IV ta' l-1995 dwar Armi Laser li Jagħmew
- Protokoll V ta' l-2003 dwar Fdalijiet Esplossivi tal-Gwerra
- Il-Konvenzjoni ta' l-1993 dwar il-Projbizzjoni ta' l-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-użu ta' Armi Kimiċi u dwar il- Qerda tagħhom
- Konvenzjoni ta' Ottawa ta' l-1997 dwar il-Projbizzjoni fuq l-Użu, il-Ħażin, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Anti-Persunal u dwar il-Qerda tagħhom

- L-Istatut ta' l-1993 tat-Tribunal Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni ta' Persuni Responsabbli ta' Vjolazzjonijiet Serji tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali li Twettqu fit-Territorju ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja mill-1991
  - L-Istatut ta' l-1994 tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni ta' Persuni Responsabbli għal Ġenoċidju u Vjolazzjonijiet Serji Oħra tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali li Twettqu fit-Territorju tar-Rwanda u ċ-Ċittadini tar-Rwanda Responsabbli għal Ġenoċidju u Tali Vjolazzjonijiet Oħra li Twettqu fit-Territorju ta' Stati Ġirien, bejn l-1 ta' Jannar 1994 u l-31 ta' Diċembru 1994
  - L-Istatut ta' Ruma ta' l-1998 tal-Qorti Kriminali Internazzjonali
  - Il-Protokoll addizzjonali tal-2005 għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949, u li jikkonċerna l-Adozzjoni ta' Emblema Distintiva Addizzjonali (Protokoll III)
  - Il-Konvenzjoni tal-2008 dwar Munizzjonijiet Raggruppati
-

## IL-KUMMISSJONI

**Rata tal-kambju tal-euro (¹)**

**L-14 ta' Diċembru 2009**

(2009/C 303/07)

**1 euro =**

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4647	AUD	Dollaru Awstraljan	1,6071
JPY	Yen Čappuniz	129,55	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5584
DKK	Krona Daniża	7,4416	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,3537
GBP	Lira Sterlina	0,90060	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,0197
